Minuti tat-33 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 3.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-32 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-32 laqgha gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Emanuel Muscat staqsa dwar il-garanzija tal-Mepa fuq l-offerta' ta' San Dimitri. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi din kienet kundizzjoni tat-tender u li fil-kaz tal-Knisja taz-Zejt il-garanzija ga saret mill-kuntrattur li rebah l-offerta.

**2. Progett Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project – Mizura 323.**

2.1Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-konkluzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-offerta tar-restawr tal-kappella ta' San Dimitri. Inqara wkoll ir-rapport tal-Bord. Gie spjegat illi l-bord ikkonsulta lill-Perit tal-Progett Edward Scerri u talab kjarifika lill-kuntrattur Joe Grima. Wara li giet evalwata l-kjarifika u fuq il-parir tal-Perit Edward Scerri il-bord hass illi dan il-kuntrattur li kien l-orhos ghandu l-esperjenza mehtiega kif mitlub fid-dokument tal-offerta u ghalhekk il-bord qed jirrakkomanda illi l-offerta ghandha tinghata lilu. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord li l-offerta tar-restawr tal-kappella ta' San Dimitri tinghata lill-kuntrattur Joe Grima. Emanuel Muscat ikkummenta illi il-vot tieghu huwa ibbazat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord li huwa responsabbli tar-rakkomandazzjoni li qed jaghmel. Lisa Marie Brooke taqbel mal-kumment ta' Emanuel Muscat.

2.2 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar ix-xogholijiet ta' restawr fil-Knisja taz-Zejt. Gie spjegat illi kif kien prevvist qed isiru spezzjonijiet fuq il-lant tax-xoghol minn ufficjali tal-MEPA. Raymond Cassar qal li m'ghandux jintuza xahx waqt ix-xogholijiet. Is-Sindku spjega illi x-xogholijiet qed isiru that id-direzzjoni tal-Perit Edward Scerri li huwa responsabbli mix-

xogholijiet. Is-Sindku spjega x'interventi ser ikunu qed isiru fil-Knisja taz-Zejt. Spjega wkoll illi inzammet laqgha mal-Ingineer Enemalta fir-rigward tat-tnehhija tal-cables u li kien hemm qbil min naha tal-Enemalta li dawn jitnehhew. Dwar it-tnehhija tal-*high tension pole* fic-cimiterju gie spjegat illi l-pozizzjoni tal-Enemalta illi jekk tinstab rotta huma jaqblu li dan jitnehha. It-trinka issir ghas-spejjez tal-Enemalta filwaqt illi huma jikkumpensaw lill-Kunsill sabiex issir ir-resurfacing tat-trinka.

2.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar Triq il-Madonna tal-Virtu'. Is-Sindku spjega illi l-WSC qed jiprocessaw il-file ta' din it-triq u li ghandu jkollu laqgha ma Rioli. Is-Sindku spjega li Triq il-Madonna tal-Virtu' ma kinitx inkluza fil-lista ta' toroq tal-PPP izda qed jipproponi illi jekk Triq Tumas Cassar issir mill-Ministeru ghal Ghawdex ghandha ssir talba sabiex Triq Virtu' tkun inkluza fil-PPP. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.4 Is-Sindku spjega illi l-offerta tar-restawr tal-Pjazza li tinkludi xoghol ta' pavimentar bhala parti mill-progett Gharb's cultural and touristic conservation project taghlaq fl-1 ta' Dicembru, 2011. Hawnhekk qed nistennew l-approvazzjoni tal-MRRA biex savings mill-progett jintuzaw ghal dan l-iskop. Is-Sindku spjega illi iddiskuta mal-Ingineer Enemalta dwar tnehhija ta' wires mill-Pjazza u Triq il-Knisja. Gie spjegat illi sabiex ikun jista' jsir dan ix-xoghol jinhtieg li jsir *culvert U shaped* 80x80 ta' madwar 70 metru fuq in-naha tax-xellug kif thares lejn il-Knisja. L-istima tax-xoghol li jrid jaghmel tajjeb ghaliha il-Kunsill hija ta' madwar €10,000 li tinkludi il-wicc tal-*culvert* b'kaptelli jinqalghu. Is-Sindku spjega illi l-problema tal-kaptelli jinqalghu hija li dawn ser ikunu taht il-bankina. Il-Kunsill qabel illi biex tigi eliminata din il-problema, il-wicc tal-bankina irid ikun u jinqala'. Gie spjegat ukoll illi l-Ingineer Enemalta ma tridx li jitpoggew cables ohra go dan il-kanal. Ghalhekk ghandha tinzamm laqgha ma tal-GO u Melita Cable. Il-Kunsill qabel illi ghandu jsir ix-xoghol mehtieg biex il-wires jitghaddew minn taht l-art. Is-Sindku spjega illi huwa importanti li n-nies ikunu infurmat illi x-xogholijiet tal-Kunsill ser jinbdew issa u li qed issir pressjoni kontinwa mal-WSC biex dawn jehilsu x-xoghol taghhom fi Triq il-Knisja, Pjazza Zjara tal-Madonna, Pjazzetta centru parrokkjali, Pjazza Gerano u Triq il-Gidi kemm jista' jkun malajr.

2.5 Gie spjegat illi x-xogholijiet fi Triq il-Knisja mexjin u l-Pjazza ser issir b'bazi tal-konkos minn Gatt Tarmac Ltd bhala parti mix-xogholijiet tal-WSC. Ser isir tentattiv sabiex sal-Milied il-Pjazza tkun moghtija il-wicc tal-konkos.

2.6 Hawnhekk is-Sindku spjega illi l-Knisja talbet illi ma jittihidx dawl minn tal-Knisja biex isiru x-xogholijiet ta' restawr fuq il-Knisja taz-Zejt. Wara diskussjoni gie deciz li ghandu jigi verifikat mal-Perit inkarigat mill-progett jew skond il-kuntratt il-kuntrattur ghandux jipprovdi id-dawl hu.

2.7 Dwar l-offerta ta' restawr ta' hitan tas-sejjieh il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni li din ghandha tinghata lil Nicky Saliba.

**3. Progett Eko-Ghawdex.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar ic-Child Care Centre, fejn in kwantu tal-progett infrastrutturali gie spjegat illi qed jithejjew il-kontijiet sabiex jintbaghtu lil Eko-Ghawdex ghall-hlas. In kwantu tas-servizz innifsu gie spjegat illi qed ikun hemm problema biex jinstabu persuni kwalifikati biex imexxu c-centru skond l-*istandards* mitluba mid-DSWS. Ser isir kuntatt mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-possibilita' li jinghata xi hadd biex imexxi c-centru.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-Eco-Cab u l-Eco-Truck. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem mal-Ing. Cilia li kien suggerit minn Emanuel Muscat biex jaghti parir tekniku dwar l-offerta sottomessa. Gie spjegat illi l-Ing. Cilia kien involut meta kien jingabu ir-Riva u ghalhekk il-Kunsill qabel li m'ghandux ikun huwa li jevalwa l-offerti peress li jista' jkollu interess. Gie spjegat illi bhala Kunsill mhuwiex intitolat ghal xi forma ta' sussidju mill-Gvern fuq ix-xiri ta' dawn il-vetturi. Il-Kunsill qabel li jitlob estensjoni lil Eko Ghawdex sa l-ahhar ta' Jannar sabiex sadanittant il-Kunsill jara mat-tenderer jekk jistax jinxtara mudell iehor skond il-*budget* disponibbli li jkun ta' l-istess specifikazzjonijiet.

**4. Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

**4.1 OBIMED.** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-andament tal-laqgha tal-kumitat tal-pilotagg tal-progett li nzammet fi 7-8 ta' Novembru gewwa Malta, bl-ewwel laqgha issir gewwa l-Ufficju tal-Maltese Italian Chamber of Commerce gewwa Malta u t-tieni gurnata tinzamm gewwwa l-Kempinski San Lawrenz Hotel. Gie spjegat li kien hemm diskussjoni mal-lead partners il-Kunsill ta' Sciacca dwar il-kiosks peress li minn 3 li ser isiru huma jridu li wahda tehel fi Sqallija. Gie spjegat li qed jigi verifikat mal-awtorita' ta' gestjoni Maltija jekk dan huwiex possibbli illi jinxtara kiosk mill-fondi allokati lill-Kunsill li imbaghad ser jehel f'territorju iehor. Gie spjegat ukoll illi l-lead partners iddiskutew mal-Maltese Italian Chamber of Commerce peress li dawn il-partners Maltin ghadhom ma hargux offerti.

4.2 **Offerta OBIMED Roots Exploration OBI 04/11.**
Il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar bord sabiex jevalwa din l-offerta. Fost il-persuni nominati midhla tas-suggett ta' din l-offerta, issemmew it-Tabib Mario Saliba, Chalie Zammit Ufficjal tal-Kultura, Anton F. Attard u Charles Bezzina.

**5. Attivitajiet tal-Milied 2011.**

5.1 Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar it-tizjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li jekk tkun maqlugha l-Pjazza il-fistuni bid-dwal tal-Milied tal-Kunsill ghandhom jintramaw fil-bidu tat-toroq Trux, Dun Alwig Mizzi u Frenc ta' l-Gharb.

5.2 Emanuel Muscat issuggerixxa illi ghandhom jigu ivvutati fondi mill-budget tas-sena d-diehla biex jinxtara iktar tizjin. Is-Sindku spjega illi s-sena d-diehla il-Kunsill ser ikollu *commitments*

fuq progetti f'dak li huma xogholijiet fuq toroq u ohrajn bhal tac-centru civiku u ghalhekk il-Kunsill ghandu joqghod hafna attent fin-nefqa tieghu. Raymond Cassar issuggerixxa illi t-tizjin ghandu jinghata lill-ghaqdiet lokali. Is-Sindku qal li din hija xi haga li tista' tkun diskussa.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar attivita' socjali ghat-tfal ghall-Milied. Raymond Cassar issuggerixxa illi din is-sena ghandha ssir harga bl-*open top bus*. Il-Kunsill qabel unanimament. L-attivita' ghandha tkun miftuha ukoll ghall-genituri u ghandhom jimtlew formoli ta' awtorizzazzjoni minghand dawk il-genituri li jaghzlu li jibaghtu lit-tfal wahedhom. Il-Kunsill qabel li peress li ser issir din il-harga mhux ser jinxtraw rigali lit-tfal.

**6. Seher il-Punent 2012.**

6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar proposta tal-MTA li jsir avveniment ta' loghob tan-nar fl-Gharb fl-ahhar ta' April, 2012. Is-Sindku spjega illi jekk il-Kunsill jaccetta din il-proposta huwa jipproponi illi dan ghandu jkun parti minn Seher il-Punent 2012 peress li dan l-avveniment jista' jaghti valur mizjud lill-festival. Gie spjegat li tkun tinhtieg li ssir talba lid-DLG biex id-data ta' Seher il-Punent tinbidel minn Marzu ghal April 2012. Gie spjegat illi n-nar ser ikun pprovdut mill-MTA izda mhuwiex eskluz illi l-Kunsill jintalab biex jikkontribwixxi biex din l-attivita' tkun tista' ssehh. Gie spjegat illi aktar dettalji ghad iridu jkunu diskussi bejn iz-zewg partijiet. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u li ghandha tkompli l-hidma fuqha. Raymond Cassar qal li huwa sar jaf b'din il-proposta minn terzi persuni u jhoss li kellu jkun avzat bil-laqgha li saret peress li huwa persuna teknika licenzjata f'dan il-qasam. Is-Sindku spjega illi dik kienet laqgha preliminari u li m'hemm l-ebda oggezzjoni li f'laqghat futuri fejn ikun ser jigi diskuss in-nar huwa jkun prezenti.

6.2 Emanuel Muscat qal li huwa jaf *magician* fejn ipproponieh biex jaghti s-servizz f'Seher il-Punent. Is-Sindku talbu jghaddi l-kuntatt tieghu biex ikun jista' jigi ikkunsidrat.

**7. Skeda ta' pagamenti.**

7.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill approva wkoll il-hlas tal-kera tal-garaxx fi Triq Felic Grech li qed iservi ta' store temporanju tal-Kunsill ghall-perjodu 26 ta' Awissu – 30 ta' Novembru 2011 ghall-ammont ta' €447.36.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-applikazzjoni ipprezentat ghall-fondi EU taht Mizura 313, ghal progett ta' €300,000 ghall-kampus sportiv fi Triq Tumas Cassar finanzjat kollu mill-LAG Gozo. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hemm persuni li dahlu bhala *registered objectors* fl-applikazzjoni tal-MEPA ta' dan il-progett u dan jimplika illi jkun aktar difficli li johrog il-permess. Is-Sindku ppropona illi sabiex ma tintilifx il-possibilita' li jinkisbu dawn il-fondi, il-progett ghandu jkun konciz kollu kemm huwa gewwa l-arja tal-ground tal-futbol ezistenti billi dan isir bit-turf, issir trakka tal-giri ecc. Is-Sindku ppropona wkoll illi dak li jsir isir b'tali mod li jkun jista' jigi imharrek biex jekk ikun hemm bzonn li jsir zvilupp ulterjuri fi stadju iehor dan ikun jista' jsir. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u gie deciz li jekk jigi approvat il-progett il-livelli ghandhom isiru bil-lest f'kaz li johrog il-permess ghall-progett il-kbir. Il-Kunsill qabel ukoll illi x-xogholijiet ta' taht il-livell tal-art bhal *reservoir* ghandhom ikunu inkluzi fil-progett iz-zghir.

**8.2 Offerta ghall-kiri ta' post sabiex iservi bhala ufficju amministrattiv temporanju -** Wara li giet ippublikata sejha ghall-offerti giet sottomessa offerta wahda biss minghand Bernard Portelli ghall-kiri ta' xowroom u garaxx f''Wilga Court', Visitation Street k/m Triq Gamri Camilleri ghall-prezz ta' €47.20 kull jum inkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel li l-post huwa wiehed ideali biex iservi ta' ufficju temporanju peress li jinsab ezatt faccata tal-Kunsill u huwa accessibbli. Il-Kunsill ghalhekk qabel ma din l-offerta u qabel ukoll illi l-post temporanju ghandu jintuza ghall-iqsar perjodu possibbli minhabba l-ispejjez tal-kera.

8.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-fazi li jmiss fix-xogholijiet tac-Centru Civiku hija li jinfethu zewg twieqi ghal fuq il-parapett sabiex il-hajt tal-hgieg li kien jaghti ghal fuq il-btiehi jinqala u jinbena hajt minfloku. Hawnhekk saret ukoll site-visit fuq ix-xogholijiet tac-Centru Civiku u c-Child Care Centre.

8.4 Il-Kunsill gie innotifikat biz-zjara tal-Onor. Dr Chris Said ippjanata ghall-20 ta' Dicembru, 2011.

8.5 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

8.6 Invit minghand Maltese Olympic Committee ghac-cerimonja ta' l-Isports Awards 2011. Is-Sindku stieden lil min jixtieq jattendi ghal dan l-avveniment peress li l-Kunsill ressaq applikazzjoni ghal dan l-award.

8.7 Minghand Malta Falconry Centre b'informazzjoni dwar l-attivitajiet li jigu organizzati f'dan ic-Centru.

8.8 Minghand Lombard Bank fir-rigward ta' Garanzija Bankarja ta' Rapa Showrooms Co. Ltd. li giet estiza. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jgegged il-kuntratt ghall-provvista ta' *hardware items* ghal sena ohra.

8.9 Minghand il-Kumitat Kongunt Rapport Annwali 2009 u 2010.

8.10 Minghand Arrow Express fir-rigward ta' servizzi ta' kurrier li huma joffru.

8.11 Minghand M. Meilak & Associates fir-rigward ta' Summary tal-Budget.

8.12 Minghand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita' fir-rigward tal-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita' 3-10 ta' Dicembru, 2011.

8.13 Invit mill-Fondazzjoni OASI fir-rigward tac-Cerimonja ta' l-Ghoti ta' Rikonoxximent Zaghzugh/a tas-Sena 2011.

8.14 Invit minghand Bajada New Energy and Ok Ltd fir-rigward ta' l-ahhar innovazzjonijiet ta' Self Energy Stations.

8.15 Minghand Moviment Kerygma fir-rigward tal-Premju Zaghzugh tas-Sena 2011.

8.16 Mill-Universita' ta' Malta fir-rigward ta' talba ghall-Intervista' bhala parti minn progett EU bl-isem JANUS.

8.17 Minghand il-Malta Community Chest Fund fir-rigward ta' 'The President's Charity Fun Run 2011'.

8.18 Minghand Gozo Age Concern fir-rigward ta' ghajnuna lill-Anzjani.

8.19 Minghand Heritage Malta fir-rigward ta' DVD li huma qed jibghatu dwar l-uzu ta' l-injam bhala parti mill-Kultura Maltija.

8.20 Minghand il-German-Maltese Circle dwar Third German Film Festival.

8.21 Invit mill-Kunsill Lokali tan-Nadur dwar Jum il-Kunsill 2011.

8.22 Minghand 3a Accounts b'informazzjoni dwar servizzi li huma joffru.

8.23 Minghand Dakar Software Systems b'introduzzjoni dwar il-kumpanija u servizzi li huma joffru.

8.24 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:- Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA5058/09, PA1416/11, PA5609/07 u PA1559/11. Notifikazzjoni dwar l-

Applikazzjoni PA5058/09 fejn gew sottomessi pjanti godda. Avviz ta' Infurzar ECF490/11, ECF489/11 u ECF559/11. PA6080/08 – *Gharb Civic Centre – Accessibility Audit Report*

PA857/11 – Bazilika tal-Vizitazzjoni – to restore the basilica li giet inkluza fl-Agenda tad-29 ta' Novembru, 2011. PA5609/07 – *to construct a multi-facility sports campus*, ri-publikazzjoni tal-applikazzjoni.

8.25 Mill-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-grupp organizzat ghac-Cerimonja tal-iffirmar tal-Patt tas-Sindki li ser issir fi Brussels fid-29 ta' Novembru, 2011. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku ghandu jattendi ghal din l-attivita' bl-ispejjez ikunu koperti mill-Kunsill. Il-vjagg jiswa €378.19 filwaqt li l-akkomodazzjoni €129.50 kull lejl ghal zewgt iljieli. Is-Sindku spjega illi bhala inizjattiva mir-regjun ta' Ghawdex is-Sindki Ghawdxin ghadhom kemm irritornaw minn Brussels fuq zjara istituzzjonali. Huwa ghazel li ma jattendix minhabba l-ispejjez.

8.26 Minghand Transport Malta dwar tabelli li jridu jehlu fi Sqaq fi Triq Frangisk Portelli. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tithalla temporanjament pendenti.

8.27 Minghand il-Pulizija Ezekuttiva dwar Tahrika ta' xhud – Pulizija kontra Jake u Joe Louis Caruana. Is-Sindku spjega illi huwa mar il-Qorti pero ma kienx mghajjat biex jixhed.

8.28 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita' tat-tizjin tas-sigra tal-Milied ser issir fl-20 ta' Dicembru, 2011.

8.29 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ix-xoghol tal-PPP fit-toroq. Gie spjegat illi l-kuntrattur primarju Gatt Tarmac Ltd. sabiex ihaffef ix-xogholijiet ser ikun qed iqabbad bhala sub-contractor lil P&J Debono sabiex ikunu jistghu jinbdew ix-xogholijiet fi Triq Trux. Il-Kunsill qabel unanimament. Gie spjegat illi s-sub contractor ser ikun qed jahdem ukoll fuq l-oghti tal-major patching bi preparazzjoni ghall-kisi bit-tarmak. Il-Kunsill approva x-xogholijiet ta' kanal tal-ilma u *water services* fi Triq Trux. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta ghall-provvista ta' pipijiet ghall-*culvert*. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni sabiex issir stima tal-kanal qabel ma jinbdew ix-xogholijiet biex wiehed ikun avzat bl-ispiza u jalloka l-fondi ghalija. Is-Sindku spjega illi l-Perit qed jaggorna l-istima dwar ix-xogholijiet fi Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega wkoll dwar il-htiega ta' qlugh ta' bankini fil-parti ta' isfel ta' Triq Trux. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunux ser jinbdew ix-xogholijiet fi Triq Trux jista' jinbeda il-major patching fi Triq Birbuba.

8.30 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar tappiera fi Triq Birbuba li tinsab fin-nofs tat-triq u li qed iccedi. Il-Kunsill qabel li din tigi rrapurtata lill-entita' ikkoncernata.

8.31 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar il-kanal fi Triq il-Madonna tal-Virtu' li dejjem icedi. Il-Kunsill qabel li jibghat lill-handyman Leli Saliba jara x'jinhtieg li jsir.

8.32 Giet trattata korrispondenza li kienet mibghuta precedentement lill-Kunsilliera dwar skeda ta' eghluq ta' offerti.

8.33 Saret diskussjoni dwar Wied il-Mielah, twessigh ta' parti mit-triq li hija propjeta' ta' Karkanja.

Il-laqgha spiccat hin 6.20pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv